MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 75/2012

**Mary Rose Buttigieg f'isem ohtha Joan maghrufa bhala Jane Buttigieg hekk kif awtorizzata permezz tal-prokura**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nomine bin-numru wiehed u erbghin (41) tas-sena elf disa' mija u hamsa u hamsin (1955) fil-parti relattiva ghat-'Taghrif dwar it-Tarbija' fil-kolonna intestate 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' hemm indikat l-isem ta' 'Joan', meta fil-verita', ir-rikorrenti nomine hija komunement maghrufa bhala 'Jane'.

2. Illi in fatti, b'sentenza moghtija fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi dan ic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi billi fil-parti relattiva ghat-'Taghrif dwar it-Tarbija' fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtija', l-isem hemm indikat bhala 'Joan' jigi sostitwit bl-isem 'Jane'.

3. Illi in oltre, permezz ta' l-istess sentenza, gie ordnat li jigi korrett ic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti nomine bin-numru sitta u sebghin (76) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) fis-sens li fil-parti relattiva ghal 'Isem u kunjom' l-isem hemm indikat jigi sostitwit bl-isem ta' 'Jane'.

4. Illi per konsegwenza, prezenzjalment, hemm kunflitt u kontradittorjeta' fl-istess certifikat tat-twelid peress li f'kolonna minnhom, l-isem tar-rikorrenti nomine gie korrett ghal 'Jane' mentri f'kolonna ohra ser jibqa' jidher bhala 'Joan'.

5. Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid billi l-isem jinbidel minn 'Joan' ghal 'Jane' u dana fil-kolonna ntestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' l-isem hemm indikat bhala "Joan" jigi sostitwit bl-isem "Jane".

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha m'opponix it-talba mressqa.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2012 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata kemm minn dak premess u in vista wkoll li m'hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa imputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat tat-twelid c-certifikat tat-twelid bin-numru wiehed u erbghin (41) tas-sena elf disa' mija u hamsa u hamsin (1955) minnu mahrug fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-'Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' l-isem hemm indikat bhala "Joan" jigi sostitwit bl-isem "Jane".

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------